MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Numru 1380/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**
**(Spettur Jason F. Sultana)**

**Vs**

**ELLIE BRIFFA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **ELLIE BRIFFA** ta’ tmintax-il sena, bint Nazzareno u Josephine Nee’ Agius, imwielda Pieta’ nhar l-10 ta’ Awissu 1993, u residenti Tulip Flats, Flat 3, Triq Testaferrata, Ta’ Xbiex, detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ 356793M kienet giet imressqa quddiemha akkuzata talli nhar it-tlettax (13) ta’ Dicembru 2011 ghal habta ta’ l-ghaxra u nofs ta’ filghodu (10:30) gewwa Tulip Flats, Flat 3, Triq Testaferrata, Ta’ Xbiex:

Kellha fil-pussess taghha d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U talli din l-ahhar sena gewwa l-Gzejjer Maltin kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U wkoll talli fit-tnax (12) ta' Dicembru 2011 u fil-granet qabel gewwa Triq Testaferrata, Ta' Xbiex jew f'xi inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer xjentement ghexet ghal kollox jew parti, minn fuq il-qliegh tal-prostituzzjoni;

U wkoll talli fix-xahar ta’ Dicembru 2011 u fil-granet ta’ qabel gewwa u inhawi f’ Ta’ Xbiex f’xi triq jew f’post ieħor pubbliku jew f’xi post espost għall-pubbliku tlejjet jew ghamlet biex tħajjar għal skop ta’ prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-hmistax (15) ta’ Dicembru 2011 tghid li kienet qed tirtira l-akkuza illi l-imputata ghexet mill-qliegh ta’ prostituzzjoni u ghalhekk il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta’ din l-istess akkuza.

Il-Prosekuzzjoni f’dik l-istess seduta infurmat lill-Qorti illi l-imputata ghandha problemi ta’ abbuz ta’ droga Eroina u Cocaina, ghandha eta’ tenera u ghandha bzonn l-ghajnuna.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata waqt l-ezami li sar skond l-Artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar il-15 ta’ Dicembru 2011 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti ma kellhiex triq ohra salv li ssibha hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq biex jekk riedet, setghet terga’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghha giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tal-15 ta’ Dicembru 2011 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur taghha.

Rat is-sentenza moghtija minnha fl-ismijiet premessi nhar l-15 ta’ Dicembru 2011 fejn din il-Qorti sabet lill-imputata probationer hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha mill-prosekuzzjoni kif ukoll astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-akkuza talli ghexet in parti jew fuq il-qliegh li kienu gejjin mill-prostituzzjoni u fejn il-Qorti kienet tal-fehma li ghandha tpoggi lill-imputata taht ordni ta’ probation ghall-perjodu massimu fil-ligi skond digriet anness mas-sentenza.

Rat illi skond l-ordni tal-probation l-imputata *probationer* kellha diversi obbligazzjonijiet xi ssegwi fosthom:

**1. li l-imputata ghandha taghmel programm ta' rijabilitazzjoni residenzjali kontra l-abbuz mid-droga;**
**2. li l-imputata tibqa' zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond id-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk il-Probation Officer jkun irid hekk, tircievi zjarat taghha fid-dar taghha;**
**3. li l-imputata minnufih tgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;**

Il-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem car, kemm ir-responsabilita' taghha u x'jigri jekk tikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul il-perjodu ta' tlett [3] snin.

Rat in-nota tal-probation officer Odelsie Bayliss prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-29 ta' Dicembru 2011 fejn infurmat lill-Qorti li kienet giet nominata sabiex issegwi lill-imputata *probationer* skond is-sentenza fuq imsemmija.

Rat in-nota prezentata minnha nhar id-29 ta' Frar 2012 (fol. 18) fejn infurmat lil Qorti li qatt ma kien hemm kuntatt mal-probationer ghalkemm saru diversi tentattivi minn naha taghha. F'dan ir-rigward tghid ukoll li saru wkoll kuntatti minn l-Ufficcjal tal-Probation ma' l-Ispetturi tal-kaz ghal aktar ghajnuna, kif ukoll mis-Substance Misuse Unit (Detox) u l-agenziji Sedqa u Caritas liema kuntatti irrizultaw fin-negattiv.
Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Frar 2012 meta din il-Qorti ordnat notifika ta' dan ir-rikors lill-imputata u lill-Kummissarju tal-Pulizija u appuntat il-kaz ghas-smiegh.

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2012 l-imputata ddikjarat li qeghda tghix fil-fond numru 45, Flat 1, St Joseph Street, Valletta.

Rat illi fl-istess seduta tas-16 ta’ Marzu 2012 xehdet il-probation officer Odelsie Bayliss u din qalet li kienet giet moghtija ordni sabiex issegwi lill-imputata odjerna u dan skond sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta nhar il-15 ta’ Dicembru 2011. Spjegat illi hija pprezentat in-nota taghha peress illi r-relazzjonijiet taghha ma’ l-imputata ma kienux tajbin u li fil-fatt l-imputata lanqas m’hi qed issegwi l-ordnijiet tal-Qorti mposti fil-Probation Order.

Illi nhar it-22 ta’ Mejju 2012 xehdet darb’ohra l-Probation Officer u kkonfermat li hija taghat diversi appuntamenti lill-imputata u din qatt ma zammithom u fil-fatt lanqas ma’ kkomunikat maghha sabiex tinfurmaha li ma kinitx sejra ghandha. Il-Probation Officer spjegat illi fil-fatt Briffa ma marritx tkellem lil xi agenzija kontra l-abbuz ta’ droga u lanqas ma bdiet tindirizza l-problema taghha tant li kors ta’ rijabilitazzjoni mhix qed isegwi. Qalet li kuntatt maghha mhix qed izzomm lanqas.

Il-Qorti ghalhekk rat li l-imputata mhix interessata li tusufruwixxi ruha minn din l-opportunita’ moghtija lilha sabiex issegwi ordni ta’ Probation bil-ghan li zzomm il-boghod mill-hajja ta’ kriminalita’. Il-Qorti ma thossx li huwa gust li tobbliga lill-ufficjal sabiex din tibqa’ tigri wara Briffa, tahli aktar hin u theggigha ghaliex interess u motivazzjoni ma hemm ta’ xejn. L-imputata hija tal-fehma u dan huwa ovvju mill-atteggjament taghha li tista’ tkompli taghmel li trid b’hajjitha u tisfida l-Qorti billi ma sssegwix l-ordnijiet taghha. Tant li anke quddiemha ghas-seduta tas-16 ta’ Mejju 2012 ma dehritx ghalkemm kienet notifikata.

Il-Qorti rat l-Artikolu 21 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u thoss li gie ppruvat ghas-sodisfazzjon taghha li Ellie Briffa li suppost tinsab taht Ordni ta’ Probation mhix qed issegwi l-kundizzjonijiet tal-Ordni u ghalhekk thoss li ghandha tittratta maghha mill-gdid daqs li kieku kienet ghadha qed tigi kkundannata prezenzjalment tal-akkuzi ammessi minnha u misjuba hatja dwarhom.

**Fic-cirkostanzi l-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u appuntu l-Artikolu 21(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’**

**Malta u Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tikkundanna lill-imputata ELLIE BRIFFA prigunerija ta' tliet xhur effettivi u tordna ghalhekk li l-Ordni tal-Probation m'ghandux ikollu aktar effett.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------